KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2011 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-qorti nazzjonali għal darba oħra qed titlob li tiġi interpretata d-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 1/80") [2].

Il-kuntest ġuridiku

Id-Deċiżjoni Nru 1/80

3. L-Artikolu 6(1) jipprovdi li:

2. L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [iktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Artikolu 6(1)"] jagħti d-dritt lil kull ħaddiem Tork li jkun irreġistrat kif xieraq, li, wara li jagħmel sena legalment impjegat, iġedded il-permess tax-xogħol tiegħu mal-istess persuna li tkun qed tħaddmu. Il-punt prinċipali inkwistjoni hu jekk, meta l-permess ta' residenza oriġinali tal-ħaddiem jingħata bil-kundizzjoni li jgħix mas-sieħba mhux miżżewġa tiegħu, jistax dan il-permess ta' residenza jiġi rrevokat dak il-permess ta' residenza wara sena ta' impjieg legali, minħabba li r-relazzjoni ta' bejniethom tkun intemmet qabel l-iskandenza tal-perijodu ta' sena, u b'mod retroattiv għad-data meta ntemmet ir-relazzjoni.

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 dwar l-aċċess liberu għall-impjieg għall-membri tal-familja tiegħu, il-ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru:

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara sena ta' impjieg legali, għat-tiġdid tal-permess ta' xogħol tiegħu mal-istess prinċipal, jekk dan ikollu xogħol x'joffri;

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara tliet snin ta' impjieg legali u bla ħsara għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità, li jwieġeb għal offerta oħra ta' impjieg fl-istess professjoni ma' prinċipal ieħor tal-għażla tiegħu, magħmula taħt kundizzjonijiet normali u rreġistrata

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-19 ta' Settembru dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija. It-test mhux uffiċjali ta' din id-deċiżjoni jista' jinstab fis-sit tal-internet http://www.gisti.org/IMG/pdf/decision1-80_ce_turqie_1980-09-19.pdf.

mad-dipartimenti tal-impjieg ta' dan l-Istat Membru;

— għandu jgawdi, f'dan l-Istat Membru, wara erba' snin ta' impjieg legali, minn aċċess liberu għal kull impjieg b'salarju tal-għażla tiegħu". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi

Il-Vreemdelingenwet 2000

4. Skont l-Artikolu 8(a) tal-Vreemdelingenwet (Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin) 2000 (iktar 'il quddiem l-"Vw 2000"), ċittadin barrani għandu d-dritt jgħix legalment fil-Pajjiżi l-Baxxi abbażi ta' permess ta' residenza għal żmien fiss tat-tip imsemmi fl-Artikolu 14 tal-liġi.

5. L-Artikolu 14(2) jistipula li, *inter alia*, permess ta' residenza għal żmien fiss jista' jinħareġ suġġett għal kundizzjonijiet relatati mal-iskop li għalih ikun ingħata l-permess.

6. L-Artikolu 16(1)(g) jipprovdi li applikazzjoni għal permess ta' residenza għal żmien fiss tista' tiġi miċħuda jekk iċ-ċittadin barrani ma jikkonformax ruħu mal-kundizzjoni relatata mar-raġuni li għaliha jkun jixtieq igħix fil-Pajjiżi l-Baxxi.

7. L-Artikolu 18(1)(f) jistipula, *inter alia*, li applikazzjoni biex jiġi estiż il-perijodu ta' validità ta' permess ta' residenza għal żmien fiss tista' tiġi miċħuda jekk ma tiġix osservata l-kundizzjoni li jkun inħareġ suġġett għaliha l-permess.

8. L-Artikolu 19 jipprovdi, *inter alia*, li permess ta' residenza għal żmien fiss jista' jiġi rrevokat għar-raġuni msemmija fl-Artikolu 18(1)(f).

Il-Vreemdelingenbesluit 2000

9. Skont l-Artikolu 4.43 tal-Vreemdelingenbesluit (Ordni dwar iċ-Ċittadini Barranin) 2000 (il-"Vb 2000"), ċittadin barrani li huwa legalment residenti skont it-tifsira tal-Artikolu 8(a) tal-Vw 2000, iżda li ma għadux josserva l-kundizzjoni li jkun inħareġ soġġett għaliha l-permess, għandu javża minnufih lill-kap tal-korp tal-pulizija reġjunali tal-muniċipalità li jkun jgħix fiha.

Bidla fir-residenza

10. Ma huwiex qed jiġi kkontestat li l-liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi teħtieġ li persuna — kemm jekk tkun ċittadin jew barranija — li tibdel il-post tar-residenza tagħha tavża b'din il-bidla kemm lill-awtoritajiet tal-muniċipalità ta' fejn kienet tgħix kif ukoll lil dawk ta' fejn tkun marret tgħix.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11. B. Ünal huwa ċittadin Tork. Huwa daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-24 ta' Frar 2004 abbażi ta' permess proviżorju ta' residenza. Fit-2 ta' Settembru 2004 huwa ngħata permess ta' residenza għal żmien fiss. Dan il-permess kien validu mid-29 ta' Marzu 2004 sad-29 ta' Marzu 2005 u kien suġġett għall-kundizzjoni "li jgħix mas-sieħba tiegħu A.M. de Souza van de Molen". Jidher li kemm B. Ünal kif ukoll A.M. de Souza kienu rreġistrati fil-komunità ta' 't Zandt.

12. Fil-21 ta' April, B. Ünal applika biex jiġi estiż il-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza tiegħu. Dik it-talba ntlaqgħet b'deċiżjoni meħudha fis-26 ta' Lulju 2005. Dak il-permess kien baqa' suġġett għall-kundizzjoni li jibqa' jgħix mas-sieħba tiegħu.

13. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2006, il-perijodu ta' validità tal-permess ta' residenza ġie estiż sal-1 ta' Marzu 2009.

14. Il-permessi ta' residenza maħruġa lil B Ünal kellhom fihom annotazzjoni li tgħid "permess jaħdem mingħajr restrizzjoni; mhux meħtieġ permess ta' xogħol".

15. Fit-8 ta' Mejju 2006, huwa daħal f'kuntratt ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju fi Groningen u beda jaħdem għal wieħed mill-klijenti tagħha, li l-uffiċji tiegħu kienu jinsabu f'Nunspeet, bejn wieħed u ieħor 150 kilometru bogħod minn 't Zandt. Xogħolu għalhekk kien jeħtieġ li jagħmel vjaġġ komplut ta' bejn wieħed u ieħor 300 kilometru kull jum ta' xogħol. Dan il-kuntratt ġie estiż fil-21 ta' Novembru 2007, u kien validu sal-21 ta' Novembru 2008. Għalhekk il-perijodu ta' sena ta' impjieg legali msemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) beda fit-8 ta' Mejju 2006 u ntemm fis-7 ta' Mejju 2007.

16. Fit-2 ta' April 2007 jew qrib dik id-data, u, fi kwalunkwe każ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu ta' sena, B. Ünal telaq minn 't Zandt u mar jgħix Lelystad, li kien biss bejn wieħed u ieħor 35 kilometru 'l bogħod minn Nunspeet. Skont kif suppost huwa rreġistra l-bidla fl-indirizz tiegħu mal-awtoritajiet responsabbli. Madankollu, A.M. de Souza van der Molen baqgħet irreġistrata bħala residenti fiż-żona ta' 't Zandt, fejn kienet ilha taħdem għal madwar 10 snin. Il-fatt li l-partijiet ma kienx

għadhom irreġistrati li qed jgħixu fl-istess indirizz wassal biex l-awtoritajiet nazzjonali jaslu għall-konklużjoni li minn dik id-data, dawn ma kinux għadhom qed jgħixu flimkien. L-asserzjoni ta' B. Ünal li dawn baqgħu jgħixu flimkien sal-bidu ta' Ġunju 2007, u li A.M. de Souza van der Molen baqgħet iżżomm irreġistrazzjoni tagħha f''t Zandt minħabba li l-proprjetà li kellha hemm ma nbiegħetx, ma ġietx aċċettata [3].

17. Fl-4 ta' Ġunju 2007, B. Ünal applika sabiex il-kundizzjoni li kien hemm fuq il-permess ta' residenza tiegħu tiġi emendata b'tali mod li ma tibqax tirreferi għar-residenza ma' A.M. de Souza van der Molen iżda sempliċement għal "residenza kontinwata".

18. B'deċiżjoni tat-28 ta' Diċembru 2007, l-iStaatssecretaris van Justitie (iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat") ċaħad din l-applikazzjoni. Huwa kien tal-fehma li r-relazzjoni bejn B. Ünal u A.M. de Souza van der Molen kienet effettivament intemmet fit-2 ta' April 2007, billi, minn dik id-data 'l quddiem ma kinux għadhom irreġistrati bħala residenti fl-istess indirizz fid-database tal-muniċipalità ta' 't Zandt (iktar 'il quddiem id-"database muniċipali"). Għalhekk, huwa wasal għal konklużjoni li B. Ünal ma kienx baqa' josserva l-kundizzjoni imposta fuq il-permess ta' residenza mogħti lilu.

19. B'deċiżjoni separata tas-7 ta' Frar 2008, il-permess ta' residenza ta' B. Ünal ġie rrevokat, b'effett retroattiv mit-2 ta' April 2007. Minħabba n-natura tal-permess ta' residenza tiegħu, dan kien ifisser ukoll ir-revoka tad-dritt tiegħu li jaħdem. Is-Segretarju tal-Istat dehrlu li l-informazzjoni li kien hemm fid-database muniċipali kellha sinjifikat deċiżiv u li l-evidenza ppreżentata minn B. Ünal ma kellhiex biżżejjed forza biex tkun tista' tiġi aċċettata minnflok l-informazzjoni li kien hemm fid-database.

20. B. Ünal ilmenta mid-deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat. Bid-deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2008, is-Segretarju tal-Istat ċaħad dan l-ilment. Id-deċiżjoni tgħid li d-dikjarazzjoni ta' B. Ünal dwar il-ġrajjiet relatati mar-rilokazzjoni lejn Lelystad ġie miċħud, billi d-dikjarazzjoni tiegħu f'dak ir-rigward ma ġietx sostnuta b'evidenza li setgħet tiġi vverifikata b'mod oġġettiv. Dikjarazzjoni bil-miktub minn A.M. de Souza van der Molen ma kinitx suffiċjenti għal dan il-għan. L-informazzjoni mdaħħla fid-database muniċipali kellha titqies li kienet konklużiva. Minħabba li mit-2 ta' April 2007, B. Ünal kien legalment impjegat mal-istess persuna għal inqas minn sena, ma kienx intitolat għal residenza kontinwata fil-Pajjiżi l-Baxxi abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija.

3 — Ma huwiex ikkontestat li B. Ünal kien meħtieġ javża lill-awtoritajiet nazzjonali "immedjatament" b'kull bidla fis-sitwazzjoni tiegħu. Ara l-Artikolu 4.43 tal-Vb 2000, iċċitat fil-punt 9 iktar 'il fuq.

21. B. Ünal appella mid-deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat tal-31 ta' Lulju 2008 quddiem il-Graavenhage tar-Rechtbank (Qorti Distrettwali, Den Haag) (iktar 'il quddiem ir-"Rechtbank"). B'deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2009, din il-qorti ddikjarat l-appell bħala infondat. Din dehrilha li B. Ünal kien naqas milli juri b'mod adegwat li r-relazzjoni ntemmet wara t-2 ta' April 2007. B'riżultat ta' dan, dik il-qorti qablet mal-konklużjoni tas-Segretarju tal-Istat li, minħabba li B. Ünal ma kienx legalment impjegat mal-istess persuna għal iżjed minn sena mid-data li fiha r-relazzjoni tqieset li ntemmet, ma kien intitolat għal ebda dritt skont l-Artikolu 6(1).

22. B. Ünal appella quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat). Dik il-qorti dehrilha li kienet meħtieġa ssir interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) biex hi tkun tista' tagħti deċiżjoni fil-kawża prinċipali. B'mod partikolari, hija staqsiet lilha nnifisha jekk id-*dicta* fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Altun [4] relatata mal-prinċipju ta' ċertezza legali jistax ikollha effett fuq kif għandu jiġi interpretat dak l-artikolu fid-dawl tal-kawża quddiemha. Għalhekk issospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"L-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Nru 1/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, moqri, b'mod partikolari, flimkien mal-prinċipju taċ-ċertezza legali, jipprojbixxi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, wara li jkun skada t-terminu ta' sena msemmi mill-artikolu ċċitat iktar 'il fuq, milli jirrevokaw, fil-każ li ma hemmx aġir frawdolenti, il-permess ta' residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv mill-mument li fih ma tibqax tiġi sodisfatta l-bażi legali nazzjonali li abbażi tagħha nħareġ il-permess ta' residenza?"

23. B. Ünal, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Ma ntalbitx seduta u ma saret l-ebda seduta.

Analiżi

24. Il-kwistjoni ewlenija mqajma mid-domanda magħmula hi jekk l-Artikolu 6(1) jippermettix revoka retroattiva ta' dritt ta' residenza meta l-persuna inkwistjoni tkun għexet u ħadmet fl-Istat ospitanti għal iżjed mill-perijodu ta' sena stipulat fl-Artikolu 6(1), iżda tkun naqset li tosserva l-kundizzjoni imposta fuq il-permess ta' residenza tagħha qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jassumi li ma kien hemm ebda każ ta' imġiba qarrieqa min-naħa ta' dik il-persuna.

4 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, C-337/07, Ġabra p. I-10323.

25. Jien ser nittratta l-ewwel din il-kwistjoni.

26. Wara dan, jien imbagħad ser indur għall-kwistjoni dwar jekk, kif qed jiġi kkontemplat fid-digriet tar-rinviju, ir-risposta fir-rigward ta' dan il-punt hijiex milquta mid-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Altun.

27. Fl-aħħar nett jidhirli li jkun xieraq li wieħed jikkunsidra wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività fil-kuntest tal-evidenza li persuna, li tkun qed tinvoka d-drittijiet tagħha skont l-Artikolu 6(1), tista' toqgħod fuqhom sabiex tissostanzja l-intitolament tagħha għal dawk id-drittijiet.

Jekk id-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) jistgħux jiġu rrevokati retroattivament

28. Sabiex nirrispondi għad-domanda tal-qorti nazzjonali dwar jekk permess ta' residenza jistax jiġi rrevokat b'effett retroattiv fiċ-ċirkustanzi msemmija fid-digriet tar-rinviju, jeħtieġ li nibda billi neżamina l-għan tal-Artikolu 6(1).

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet l-għan ta' dik id-dispożizzjoni fis-sens li "tikkonsolida b'mod progressiv il-pożizzjoni ta' ħaddiema Torok fl-Istat Membru li jilqa'" [5]. F'dak li jirrigwarda ħaddiema Torok, dan l-għan jagħti forma tanġibbli lid-definizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-iskop tad-Deċiżjoni Nru 1/80 innifsu, li huwa li "jippromwovi l-integrazzjoni gradwali fil-pajjiż li jilqa' ta' ċittadini Torok li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-deċiżjoni u għalhekk igawdu d-drittijiet mogħtija lilhom b'dik id-deċiżjoni " [6].

30. Biex jintlaħaq dak l-iskop, l-Artikolu 6(1) jagħmel provvediment sabiex id-drittijiet ta' ħaddiem Tork jiġu estiżi progressivament skont kemm idum f'impjieg imħallas u skont il-liġi fil-pajjiż li jkun qed jilqgħu [7]. Ladarba huwa jkun għamel erba' snin f'impjieg legali f'dak l-Istat, il-ħaddiem ikun intitolat għal aċċess liberu, f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe impjieg imħallas li jagħżel hu. Qabel ma jasal f'dan l-istadju, il-protezzjoni offruta hija inqas estensiva. Pereżempju, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) jipprovdi li ħaddiem li jkun għamel biss sena f'impjieg legali huwa intitolat li jġedded il-permess tiegħu biex jibqa' jaħdem mal-istess persuna li tkun qed tħaddmu, jekk ikun hemm post tax-xogħol vakanti.

31. Mill-kliem użat fih, wieħed jista' jara li l-Artikolu 6(1) jikkonċerna d-dritt ta' ċittadin

5 — Ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2008, Payir *et*, C-294/06, Ġabra p. I-203, punt 37.

6 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju, Wählergruppe Gemeinsam, C-171/01, Ġabra p. I-4301, punt 79; tat-18 ta' Lulju, Derin, C-325/05, Ġabra p. I-6495, punt 53; u Altun, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 29.

7 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Jannar, Sedef, C-230/03, Ġabra p. I-157, punt 34.

Tork li jaħdem fl-Istat Membru li jkun qed jilqgħu. Madankollu, huwa digà ċar biżżejjed li, minħabba li d-dritt li wieħed jimpjega ruħu u d-dritt ta' residenza huma marbutin flimkien, dik id-dispożizzjoni timplika d-dritt konkomitanti ta' residenza għal persuna li tkun qed tippretendi d-dritt ta' impjieg [8].

32. Biex jeżerċita d-drittijiet skont l-Artikolu 6, ċittadin Tork għandu jissodisfa tliet kundizzjonijiet.

33. L-ewwel nett, il-persuna inkwistjoni għandha tkun "ħaddiem". Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li sabiex jissodisfa din il-kundizzjoni, iċ-ċittadin Tork għandu jeżerċita attivitajiet reali u effettivi, bl-esklużjoni ta' attivitajiet fuq skala daqstant żgħira li huma purament marġinali u anċillari. Ir-rekwiżit essenzjali huwa l-fatt li, għal ċertu żmien, persuna twettaq, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi inkunsiderazzjoni ta' remunerazzjoni [9]. Fil-kawża preżenti ma hemm xejn li jissuġġerixxi li B. Ünal ma ssodisfax dik il-kundizzjoni.

34. It-tieni nett, huwa għandu jkun "irreġistrat bħala persuna li tagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol". Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li "dan il-kunċett jiddeskrivi l-ħaddiema kollha li kkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet legali u regolamentari ta' l-Istat ikkonċernat u għandhom b'hekk id-dritt li jeżerċitaw attività professjonali fit-territorju tiegħu" [10]. Għal darba oħra jidher ċar li dan ir-rekwiżit ġie ssodisfatt.

35. It-tielet nett, u l-iżjed importanti fil-kuntest tad-domanda magħmula, huwa kellu jkun "legalment impjegat" fl-Istat Membru inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-espressjoni "legalment impjegat" tfisser li għandu jkun hemm "sitwazzjoni stabbli u mhux prekarja fir-rigward ta' membru tas-suq tax-xogħol ta' Stat Membru, u timplika, għalhekk, li jeżisti dritt rikonoxxut ta' residenza" [11]. Jidher li l-kuntratt tax-xogħol ta' B. Ünal kien suffiċjentement stabbli u fiż-żgur sabiex jissodisfa dak il-kriterju; iżda dan huwa biżżejjed sabiex jipprovdilu "dritt rikonoxxut ta' residenza"?

36. Fl-aħħar nett, għandi nfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li d-Deċiżjoni Nru 1/80 ma taffettwax il-kompetenza li għandu l-Istat Membru li jirregola kemm

8 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru, Sevince, C-192/89, Ġabra p. I-3461, punt 29.

9 — Ara s-sentenza Payir *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 28. F'dan ir-rigward, l-approċċ meħud mill-Qorti tal-Ġustizzja ma huwiex differenti minn dak adottat fir-rigward ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun irid jeżerċita d-dritt tiegħu tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ara, pereżempju, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986 Lawrie-Blum, 66/85, Ġabra p. 2121, punt 17, u tal-14 ta' Diċembru 1989, Agegate, C-3/87, Ġabra p. 4459, punt 35), qabel l-1992, meta t-Trattat ta' Maastricht introduċa l-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni, li ppermetta l-ħolqien ta' drittijiet iżjed estensivi.

10 — Ara s-sentenza Payir *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 29.

11 — Ara s-sentenza Payir *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 30.

id-dħul għall-ewwel darba ta' ċittadini Torok fit-territorju tiegħu kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom dawn jaċċettaw l-ewwel impjieg tagħhom [12].

37. F'Kus [13], il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tikkunsidra l-punt sa fejn Stat Membru ospitanti għandu jkompli jimponi l-kundizzjonijiet fuq ir-residenza ta' ħaddiem Tork li kien għamel perijodu ta' impjieg legali għall-iskopijiet tal-Artikolu 6(1).

38. Il-każ involva ċittadin Tork li ngħata permess jidħol fil-Ġermanja sabiex jiżżewweġ persuna ta' ċittadinanza Ġermaniża. Huwa impjega ruħu u ħadem f'dak l-Istat Membru għal iżjed minn erba' snin, u permezz ta' dan kiseb id-drittijiet skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 6(1). Hu u martu mbagħad iddivorzjaw. Meta hu ġie biex iġedded il-permess ta' residenza tiegħu, l-awtoritajiet nazzjonali ċaħdu l-applikazzjoni tiegħu, minħabba li r-raġuni oriġinali li abbażi tagħha hu seta' jibqa' fil-pajjiż ma kinetx baqgħet teżisti. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk iddikjarat li:

"20 [...] l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 huwa limitat għar-regolar tal-pożizzjoni tal-ħaddiem Tork fir-rigward tal-impjieg, u ma jagħmel ebda referenza għall-pożizzjoni tiegħu f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza (ara s-sentenza f'Sevince, punt 28).

21 Wieħed għandu jinnota li, skont il-kliem tiegħu, l-Artikolu 6(1) japplika għall-ħaddiema Torok irreġistrati bħala persuni li jagħmlu parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru u li, skont l-ewwel inċiż, ħaddiem Tork għandu bżonn ikun biss legalment impjegat għal iżjed minn sena sabiex ikun intitolat iġedded il-permess tiegħu biex jibqa' jaħdem mal-istess persuna li tkun kurrentement qed tħaddmu. Għalhekk, dik id-dispożizzjoni ma tirrendix dak id-dritt dipendenti fuq xi kundizzjoni oħra, bħal ma huma ċ-ċirkostanzi li fihom inkiseb id-dritt tad-dħul u tar-residenza fil-pajjiż.

22 Għalhekk, anki jekk l-impjieg skont il-liġi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6(1) jippresupponi qagħda stabbli u fiż-żgur bħala membru tal-forza tax-xogħol u, b'riżultat ta' dan, jimplika l-eżistena ta' dritt rikonoxxut ta' residenza u anki, jekk ikun hemm bżonn, il-pussess ta' permess ta' residenza skont il-liġi, ir-raġunijiet li abbażi tagħhom ikun ingħata l-permess ta' residenza, ma humiex deċiżivi f'dak li jirrigwarda l-iskopijiet tal-applikazzjoni tagħhom.

23 B'riżultat ta' dan, ladarba ħaddiem Tork jeżerċita attività bħala impjegat għal iktar minn sena filwaqt li jkollu permess ta' xogħol validu, huwa għandu jiġi meqjus li qed jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, anki jekk dan il-permess ta'

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Payir *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 36.

13 — Sentenza tas-16 ta' Diċembru 1992, C-237/91, Ġabra p. I-6781).

residenza jkun oriġinarjament ingħatalu għal finijiet differenti mill-eżerċizzju ta' attività b'salarju".

39. Jien nissuġġerixxi illi dan għandu jfisser li l-prinċipju ta' ċertezza legali għandu japplika għal ħaddiem Tork li jkun temm wieħed mill-perijodi stabbiliti fl-Artikolu 6(1). Hu jkun jaf, pereżempju, li jekk ikun temm perijodu ta' sena bħala legalment impjegat mal-istess persuna, ikun jista' jkompli jaħdem ma' din l-istess persuna, dejjem jekk ikun hemm post vakanti. Jekk huwa kien legalment impjegat għal perijodu ta' erba' snin, huwa jkun jaf li jista' jgawdi minn aċċess liberu għal kwalunkwe impjieg bi ħlas li jagħżel hu fl-Istat Membru li jkun qed jilqgħu. Dawk ir-restrizzjonijiet li setgħu kienu imposti fuq id-dritt ta' residenza tiegħu fil-mument li fih hu jkun daħal f'dak l-Istat ma jibqgħux jgħoddu. Il-proċess ta' integrazzjoni, li jirfed l-Artikolu 6(1), ikun beda, u kwalunkwe attentat ta' revoka tal-permess ta' residenza tiegħu għar-raġuni li ma jkunx baqa jikkonforma ruħu ma' waħda minn dawk il-kundizzjonijiet, ikun imur kontra l-liġi.

40. Bl-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija iktar 'il fuq, jien nista' nagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin:

— B. Ünal daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-24 ta' Frar 2004, abbażi ta' permess ta' residenza proviżorju; hu ngħata permess ta' residenza għal żmien fiss fit-2 ta' Settembru 2004 (iddatat b'lura sad-29 ta' Marzu 2004) li ġie estiż sabiex ikopri perijodi sussegwenti ta' residenza f'dak l-Istat Membru; matul il-perijodu ta' residenza tal-bidu, hu ma kienx impjegat f'dak l-Istat;

— Minħabba li l-Artikolu 6(1) jirrigwarda d-dritt ta' ċittadin Tork li jaħdem fl-Istat Membru li jkun qed jilqgħu [14] u d-drittijiet skont dak l-Artikolu ma jirriżultawx bis-saħħa tar-residenza waħedha, il-perijodu li matulu B. Ünal kien residenti, iżda mhux impjegat, ma għandux jitqies meta wieħed ikun qed jikkalkola d-drittijiet tiegħu skont dik id-dispożizzjoni;

— Ma hemm ebda dubju li, fit-8 ta' Mejju 2006, il-ġurnata li fiha B. Ünal beda jaħdem fil-Pajjiżi l-Baxxi, huwa kellu "permess ta' residenza skont il-liġi" [15]; ma kienx meħtieġ permess ieħor għax-xogħol [16] u r-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 23 ta' Kus għalhekk ma japplikax f'dan il-każ.

— Il-perijodu ta' sena stipulat fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) beda fit-8 ta' Mejju 2006 u ġie fi tmiemu fis-7 ta' Mejju 2007;

14 — Ara l-punt 31 iktar 'il fuq.
15 — Ara l-punt 22 tas-sentenza Kus.
16 — Ara l-punt 14 iktar 'il fuq.

— "Il-ġrajja dubjuża", skont l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi, seħħet fit-2 ta' April 2007, jiġifieri waqt dik is-sena inkwistjoni, iżda ma saritx magħrufa sa wara li kien skada dak il-perijodu;

— Fin-nuqqas ta' kwalunkwe "ġrajja dubjuża", id-drittijiet ta' B. Ünal f'dak li jirrigwarda l-impjieg tiegħu fl-Istat li kien qed jilqgħu skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1), meta wieħed japplika d-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Kus, saru konkreti fis-7 ta' Mejju 2007; għalhekk hu kien ikun intitolat għal dritt konkomitanti ta' residenza [17];

— Għalhekk, il-mistoqisja inkwistjoni hija dwar jekk B. Ünal għandux, minkejja dan, jitqies li ssodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1), minkejja l-fatt li kienet seħħet il-ġrajja dubjuża.

41. Hemm ċerti kundizzjonijiet fuq ir-regola ġenerali li r-restrizzjonijiet imposti fuq id-dritt ta' residenza fil-mument tad-dħul fi Stat Membru ma jibqgħux jgħoddu hekk kif, skont id-Deċiżjoni 1/80, id-drittijiet ta' ħaddiem isiru konkreti [18].

42. Biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1), il-ħaddiem Tork kellu jkun "legalment impjegat" matul il-perijodu rilevanti. Dan imbagħad ikun jimplika li l-ħaddiem kellu dritt legali ta' residenza għal dak il-perijodu [19].

43. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li ħaddiem Tork ma jkunx issodisfa dak ir-rekwiżit waqt li hu jkun għadu residenti fl-Istat Membru li jkun qed jilqgħu bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni provviżorja sabiex jgħix hemm sakemm joħroġ ir-riżultat ta' appell li hu kien ippreżenta kontra deċiżjoni li ċaħditu minn permess ta' residenza [20]. Din sostniet ukoll li ħaddiem Tork li kien residenti fl-Istat Membru li kien qed jilqgħu biss bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti r-residenza hemm sakemm titlesta l-proċedura sabiex jingħata permess ta' residenza ma setax jgħodd il-perijodu inkwistjoni meta jkun qed jikkalkola d-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 6(1), minħabba li kien ingħata d-dritt li jibqa' f'dak il-pajjiż u jaħdem hemm biss fuq bażi provviżorja sakemm tittieħed deċiżjoni finali [21]. Madankollu, hawnhekk jidher ċar li d-dritt ta' residenza ta' B. Ünal ma kienx provviżorju jew limitat b'dan il-mod.

44. F'Kol [22] tqajmet kwistjoni differenti. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet

17 — Ara l-punt 31 iktar 'il fuq.

18 — Ara l-punt 39 iktar 'il fuq.

19 — Ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 1997, Günaydin, C-36/96, Ġabra p. I-5143, punt 44.

20 — Ara s-sentenza Sevince, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 31.

21 — Sentenza Kus, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 18.

22 — Sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, C-285/95, Ġabra p. I-3069.

meħtieġa tittratta l-pożizzjoni ta' ċittadin Tork, li kien daħal fil-Ġermanja b'mod qarrieqi. Il-każ involva dritt ta' residenza bbażat fuq żwieġ falz. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, *inter alia*, is-sentenza tagħha f'Kus [23] u sostniet, "*a fortiori*", li dak ir-raġunar kellu japplika wkoll fil-kawża ta' quddiemha. Hi kompliet tosserva li l-perijodi ta' impjieg ta' wara permess ta' residenza miksub b'mod qarrieqi ma jistgħux jitqiesu li huma legali għall-iskopijiet tal-Artikolu 6(1), minħabba li ċ-ċittadin Tork ma ssodisfax il-kundizzjonijiet biex ikun jista' jingħata dan il-permess li, għalhekk, kien predispost li jiġi rrevokat hekk kif jiġi skopert il-qerq [24]. Dawk il-perijodi ta' impjieg ikkompletati minn Kol abbażi ta' permess ta' residenza li l-validità legali tiegħu kienet imdgħajfa minħabba qerq ma setgħu jagħtuh ebda drittijiet [25].

45. Ir-raġunament adottat f'Kol, jista' jiġi applikat fil-kawża preżenti?

46. Ma jidhirlix li dan jista' jsir.

47. Is-sentenza ta' Kol tintroduċi kundizzjoni fuq ir-regola ġenerali stabbilita f'Kus li r-restrizzjonijiet imposti fuq id-dritt ta' residenza fil-mument tad-dħul fi Stat Membru ma jibqgħux jgħoddu hekk kif isiru konkreti d-drittijiet ta' ħaddiem skont id-Deċiżjoni 1/80 [26]. Ir-raġuni għal din il-kundizzjoni hija ċara. Meta persuna, permezz tal-azzjonijiet jew tal-ommissjonijiet tagħha, intenzjonalment tipprova tqarraq bl-awtoritajiet nazzjonali sabiex tikseb dritt ta' residenza, u konsegwentement tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, hija ma għandhiex titħalla tikseb dawn id-drittijiet. Li kieku ma kienx hekk, kien ikun possibbli li wieħed jikseb dawk id-drittijiet b'imġiba qarrieqa.

48. Li kieku kien stabbilit illi B. Ünal kien akkwista d-dritt ta' residenza tiegħu fl-Istat Membru li kien qed jilqgħu abbażi ta' raġunijiet li jimplikaw l-intenzjoni li jqarraq, kien ikun ċar li l-awtoritajiet nazzjonali kien ikollhom id-dritt li jirrevokaw il-permess ta' residenza tiegħu minkejja l-fatt li hu kien residenti u impjegat hemm għal iżjed minn sena. Madankollu, fil-kawża preżenti, il-qorti nazzjonali tagħmilha ċara biżżejjed li ma hemm ebda insinwazzjoni li l-aġir ta' B. Ünal kien qarrieqi. Id-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Kol għalhekk ma tapplikax għalih direttament.

49. Bħal ma huwa msemmi iktar 'il fuq, dan lanqas ma huwa każ fejn, skont il-ġurisprudenza eżistenti, l-impjieg ta' B. Ünal ma jgħoddx bħala impjieg legali għal raġuni oħra li ma tinvolvix imġiba qarrieqa [27].

23 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

24 — Ara l-punt 26 tas-sentenza Kol.

25 — Ara l-punt 28 tas-sentenza Kol.

26 — Ara l-punt 39 iktar 'il fuq.

27 — Ara l-punt 43 iktar 'il fuq.

50. Il-kundizzjoni, f'Kol, fuq ir-regola ġenerali fir-rigward tad-drittijiet ta' residenza, xorta għandha tiġi estiża sabiex tapplika għal dawk il-persuni fil-pożizzjoni ta' B. Ünal li ma jkunux aġixxew bi ħsieb qarrieqi?

51. Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostni li għandu jiġi preżunt li persuna fil-pożizzjoni tiegħu għandha tkun taf x'inhi l-liġi. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali huma disponibbli, *inter alia*, fuq l-internet. Minħabba li B. Ünal għandu jitqies li kien konxju ta' dawk id-dispożizzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali allura kellhom il-jedd li jirrevokaw il-permess ta' residenza tiegħu b'effett retroattiv.

52. Jien ma nista' nara ebda ġustifikazzjoni għaliex il-prinċipju għandu jiġi estiż b'dan il-mod. Meta wieħed jagħmel hekk ikun qed idgħajjef dak li l-Qorti tal-Ġustizzja sejħet "il-prinċipju ġenerali ta' rispett għal drittijiet kweżiti" [28], u ċ-ċertezza legali korrispondenti li tifforma parti essenzjali tar-regola ġenerali li jien ddeskrivejt [29]. Id-deroga minn dak il-prinċipju ġenerali fil-każijiet li jinvolvu imġiba qarrieqa rrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġusitzzja f'Kol, hija suffiċjenti biex tissalvagwardja kontra l-abbuż intenzjonat tad-drittijiet.

53. Jidhirli għalhekk, li l-awtoritajiet nazzjonali ma kellhomx il-jedd li jannullaw b'mod retroattiv id-dritt ta' residenza ta' B. Unal fir-rigward tal-perijodu ta' bejn it-2 ta' April 2007 u s-7 ta' Mejju 2007, bir-riżultat li huwa tilef il-benefiċċju tad-drittijiet tiegħu skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1).

54. Għandi nżid ngħid li kieku persuna, bħal ma hi B. Ünal, verament riedet tikkorrompi s-sistema stabbilita skont l-Artikolu 6(1) bil-ħsieb li tinganna lill-awtoritajiet, xejn ma kien ikun eħfef għaliha milli titfa' lura b'xahar ir-rilokazzjoni tagħha lejn Lelystad. Kieku għamlet hekk, kienet tkun temmet il-perijodu ta' sena meħtieġ minn dik id-dispożizzjoni mingħajr ma kienet tiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar xi tibdil li seta' seħħ fir-relazzjoni tagħha mas-sieħba tagħha. Naturalment, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina l-fatti, peró jidhirli li l-fatt li B. Ünal naqas milli jsegwi dik id-direzzjoni għamilha inqas, pjuttost milli iżjed, possibbli li kien hemm xi tentattiv li "jilgħab is-sistema", iżda sempliċement xewqa tiegħu li jnaqqas l-impatt tal-vjaġġ tiegħu ta' kuljum

28 — Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Bozkurt, C-303/08, Ġabra p. I-13445, punt 41.

29 — Il-prinċipju *nemo censetur ignorare legem* huwa magħruf ħafna mill-ġuristi kollha, iżda jeħtieġ li jitfakkar li l-preżunzjoni *nemo praesumitur malus* għandha tkun magħrufa daqstant.

biex imur għax-xogħol li ma għandix dubju, u li tħares kif tħares lejha, kien tedjanti.

55. Jien għalhekk tal-fehma li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti milli jirrevokaw il-permess ta' residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv mill-mument li fih ma kienx baqa' jikkonforma ruħu mal-kundizzjoni li suġġett għaliha kien inħareġ il-permess ta' residenza skont il-liġi nazzjonali, fejn ma tista' tiġi attribwita lill-ħaddiem Tork inkwistjoni ebda imġiba qarrieqa, u meta din ir-revoka sseħħ wara li jkun skada l-perijodu ta' sena msemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1).

L-applikazzjoni ta' Altun fil-kawża prinċipali

56. Parti sostanzjali tad-digriet tar-rinviju hija ddedikata lill-analiżi tal-punt sa fejn is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Altun [30] setgħet kienet rilevanti għall-każ ta' B. Ünal. Il-qorti nazzjonali tixtieq tkun taf sa liema punt dik is-sentenza u, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet li jinsabu fiha f'dak li jirrigwarda d-duttrina dwar iċ-ċertezza legali, tista' taffettwa r-riżultat tal-kawża fil-proċeduri ewlenin. Din essenzjalment tasal għall-konklużjoni li dik is-sentenza x'aktarx li ma tapplikax fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni.

57. Jiena naqbel.

58. Is-sentenza Altun kienet tirrigwarda ċittadin Tork li daħal fl-Istat Membru ospitanti bħala applikant għall-asil. Hu ngħata permess indefinit ta' residenza f'dak l-Istat abbażi ta' dikjarazzjonijiet li l-analiżi sussegwenti tagħhom issuġġeriet li x'aktarx li kienu qarrieqa. Wara li ngħata d-dritt tiegħu ta' residenza, huwa beda l-proċedura biex ċerti membri tal-familja tiegħu jerġgħu jingħaqdu miegħu. Tqajmet il-kwistjoni dwar l-effett li jista' jkollha xi imġiba qarrieqa fuq id-drittijiet tal-membri tal-familja tiegħu skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1/80. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, ladarba d-drittijiet ta' dawk il-membri tal-familja kienu saru awtonomi skont il-proċedura stabbilita minn dak l-artikolu, dawn ma setgħux jibqgħu jiġu kkontestati abbażi ta' irregolaritajiet li fil-passat affettwaw id-dritt oriġinali ta' residenza tal-ħaddiem Tork. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni abbażi tad-duttrina taċ-ċertezza legali [31]. Hi nnutat li kien hemm biss żewġ tipi ta' kundizzjonijiet fuq id-drittijiet mogħtija skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7

30 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

31 — Ara l-punti 51 sa 60 tas-sentenza.

tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [32]. Li wieħed jaċċetta l-proposta li membri tal-familja li kienu kisbu drittijiet awtonomi skont dan il-paragrafu setgħu ċċaħħdu minn dawk id-drittijiet minħabba l-aġir tal-persuna li huma ġew biex ikunu magħha fl-Istat Membru ospitanti, ikun ifisser li ċ-ċertezza tagħhom fir-rigward tal-eżistenza ta' dawk id-drittijiet tista' tiddgħajjef serjament permezz ta' element li fuqu ma jista' jkollhom ebda kontroll.

59. Jien diġà rreferejt għall-prinċipju ta' ċertezza legali meta kont qed nikkunsidra jekk l-awtoritajiet nazzjonali kellhomx id-dritt li jirrevokaw b'mod retroattiv id-dritt ta' residenza ta' B. Ünal fiċ-ċirkustanzi eżistenti fil-proċeduri ewlenin. Jien ma jidhirlix li l-pożizzjoni tiegħu għandha tkun b'xi mod affettwata mid-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Altun. Il-kwistjoni fundamentali f'dik is-sentenza rrigwardat in-natura tad-drittijiet derivattivi disponibbli lill-membri tal-familja skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Il-pożizzjoni tal-ħaddiem Tork innifsu, meta jkun qed jippretendi d-drittijiet skont l-Artikolu 6(1), ma hi affettwata b'ebda mod mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Altun. Għaldaqstant, jien ma nistax noqgħod fuqha biex nirrispondi d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

32 — Jiġifieri, kundizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-emigrant Tork fl-Istat Membru ospitanti meta dan ikun, minħabba l-imġiba personali tiegħu, ta' theddida ġenwina u serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika, skont l-Artikolu 14 tad-deċiżjoni, u kundizzjoni bbażata fuq il-fatt li l-persuna kkonċernata tkun telqet mit-territorju ta' dak l-Istat għal tul ta' żmien sinjifikattiv mingħajr raġuni valida.

Kunsiderazzjonijiet oħra: il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività

60. Iktar 'il fuq jien irreferejt għall-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali u l-qrati nazzjonali ma aċċettawx l-evidenza ppreżentata minn B. Ünal bħala waħda li tistabbilixxi li kien kompla jgħix ma' A.M. de Souza van der Molen bejn it-2 ta' April 2007 u l-bidu ta' Ġunju 2007 [33].

61. Għalkemm fid-digriet tar-rinviju l-qorti nazzjonali ma staqsietx lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkunsidra l-kwistjoni, il-Kummissjoni tistaqsi jekk il-mod li bih il-kwistjonijiet ta' evidenza ġew indirizzati f'livell nazzjonali jikkonformax mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

62. Skont kif nifhem is-sitwazzjoni deskritta fid-digriet tar-rinviju u fil-proċess tal-kawża l-pożizzjoni hija essenzjalment din:

— B. Ünal sostna li telaq minn 't Zandt biex imur jgħix f'Lelystad minħabba li ma setax kuljum ikompli jkampa bi vjaġġ ta' bejn wieħed u ieħor 300 kilometru biex imur għax-xogħol u jerġa' lura. Hu u A.M. de Souza van der Molen komplew

33 — Ara l-punti 18 *et seq* iktar 'il fuq.

jgħixu flimkien wara r-rilokazzjoni u ma waqfux milli jagħmlu dan sal-bidu ta' Ġunju 2007. A.M. de Souza van der Molen baqgħet irreġistrata f'"t Zandt minħabba li ma kinitx biegħet id-dar tagħha hemmhekk, filwaqt li B. Ünal irreġistra r-residenza tiegħu fl-Lelystad kif suppost;

— fid-deċiżjonijiet tiegħu tat-28 ta' Diċembru 2007 u tas-7 ta' Frar 2008, is-Segretarju tal-Istat ħa l-pożizzjoni li l-fatt li B. Ünal u A.M. de Souza van der Molen ma kienx għadhom imniżżlin fl-istess reġistru, wara r-rilokazzjoni ta' B. Ünal lejn Lelystad, wera biċ-ċar li r-relazzjoni tagħhom kienet intemmet;

— fid-deċiżjoni tiegħu tal-31 ta' Lulju 2008, is-Segretarju tal-Istat żamm il-fehma tiegħu, abbażi tal-fatt li l-pożizzjoni ta' B. Ünal ma kinetx sostnuta b'evidenza li setgħet tiġi vverifikata oġġettivament u minħabba li dikjarazzjoni bil-miktub pprovduta minn A.M. de Souza van der Molen li kienet tgħid li l-partijiet kienu komplew jgħixu flimkien minkejja r-rilokazzjoni ma kinitx biżżejjed għal dak l-iskop;

— fil-proċeduri quddiem ir-Rechtbank, B. Ünal ippreżenta iżjed evidenza biex isostni l-pożizzjoni tiegħu. Din kienet tikkonsisti f'dikjarazzjoni magħmula minn ħabib ta' B. Ünal u A.M. de Souza van der Molen, żewġ kartolini kongratulatorji relatati mad-dar il-ġdida u numru ta' ritratti. Ir-Rechtbank ħadet il-pożizzjoni li dawk l-oġġetti wkoll ma rnexxilhomx jippruvaw li r-relazzjoni kienet kompliet wara t-2 ta' April 2007.

63. Il-Kummissjoni tosserva li huwa diffiċli li wieħed jara x'evidenza seta' ppreżenta B. Ünal li setgħet ipperswadiet lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiddeċiedu li l-verżjoni tiegħu tal-ġrajjiet kienet korretta.

64. Għalkemm naturalment il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jifhmu iżjed għaliex ċertu evidenza ġiet aċċettata u oħra ġiet miċħuda, jien nista' nifhem il-punt imqajjem mill-Kummissjoni. Għalhekk jien ser ngħid fil-qosor x'inhuma l-prinċipji essenzjali skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea (EU) li jien naħseb li huma rilevanti.

65. Huwa ċar li, minn meta daħlu fis-seħħ, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bħal ma huma d-Deċiżjoni Nru 1/80 iffurmaw parti integrali tas-sistema ġuridika tal-Unjoni Ewropea [34]. Id-drittijiet li jinħolqu bis-saħħa ta' dik id-deċiżjoni għalhekk jirriżultaw mid-dritt tal-UE.

34 — Ara s-sentenza Sevince, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 9.

66. Huwa ċar ukoll li, fin-nuqqas ta' regoli tal-UE li jirregolaw il-kwistjoni, hija s-sistema nazzjonali legali ta' kull Stat Membru li għandha tistabilixxi r-regoli proċedurali ddettaljati li jirregolaw l-azzjonijiet biex jiġu ssalvagwardjati dawk id-drittijiet [35].

67. Madankollu l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li f'kull każ dawk id-drittijiet jiġu mħarsa b'mod effettiv [36]. Ir-regoli proċedurali ddettaljati li jirregolaw dawk l-azzjonijiet ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet domestiċi simili (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma jistgħux jirrendu l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-UE (prinċipju ta' effettività) prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli [37].

68. L-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza tippresupponi li r-regola nazzjonali inkwistjoni tapplika mingħajr distinzjoni għall-azzjonijiet ibbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-UE u għal dawk ibbażati fuq il-ksur tad-dritt intern li jkollhom skop u kawżalità simili. Sabiex jiġi vverifikat jekk il-prinċipju ta' ekwivalenza huwiex osservat, huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali, inkwantu hija biss għandha għarfien dirett tal-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet fil-qasam tad-dritt intern, li tivverifika jekk il-modalitajiet proċedurali intiżi sabiex jiżguraw, fid-dritt intern, il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-UE humiex konformi ma' dan il-prinċipju u li teżamina kemm l-għan kif ukoll l-elementi essenzjali tal-azzjonijiet allegatament simili ta' natura interna. Sabiex ikun jista' jiġi deċiż jekk ir-regoli proċedurali humiex ekwivalenti il-qorti nazzjonali għandha tiddetermina b'mod oġġettiv, u b'mod teoretiku, jekk ir-regoli inkwistjoni humiex simili meta wieħed iqis li r-rwol ta' dawk ir-regoli fil-proċedura kollha kemm hi, kif titmexxa dik il-proċedura u xi karatteristiċi partikolari ta' dawk ir-regoli [38].

69. Għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' effettività, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-każijiet li fihom titqajjem il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mill-ordinament ġuridiku Komunitarju għandhom, ukoll, jiġu analizzati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha quddiem id-diversi qrati nazzjonali. F'din il-perspettiva, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk jeħtieġ, il-prinċipji li fuqhom jissejjes l-ordinament ġuridiku nazzjonali, bħalma huma l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura [39].

35 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, Ġabra p. I-2483, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata.

36 — Ara, b'mod partikolari, sentenza Impact, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata.

37 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Impact, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata. Il-prinċipju tal-protezzjoni legali effettiva huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li huwa rrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres, C-444/09 u C-456/09, Ġabra p. I-14031, punt 75.

38 — Ara s-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin, C-63/08, Ġabra p. I-10467, punti 45 u 46.

39 — Ara s-sentenza Pontin, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 47.

70. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk dawk il-prinċipji ġewx issodisfatti fil-proċeduri ewlenin tal-kawża.

Rimarki tal-aħħar

71. Iktar 'il fuq jien semmejt ir-regola ġenerali li ħaddiem Tork li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) jista' jikkunsidra d-drittijiet li jinħolqu permezz ta' dan l-artikolu bħala stabbiliti, u suġġett biss għall-kundizzjoni li ma jistgħux jinħolqu drittijiet permezz ta' dik id-dispożizzjoni meta d-dritt ta' residenza ta' ħaddiem ikun wieħed purament provviżjorju jew meta l-ħaddiem ikun involut f'imġiba qarrieqa. F'dak ir-rigward, jien ikkonkludejt li ma hemm ebda ġustifikazzjoni għaliex wieħed għandu jestendi l-kundizzjoni li teżisti fir-rigward ta' imġiba qarrieqa biex tinkludi tipi oħra ta' imġiba fejn ma jkun hemm ebda intenzjoni ta' qerq [40].

72. Nixtieq inżid dan.

73. Il-fatt li l-leġiżlatura tal-UE qed tadotta numru dejjem jiżdied ta' miżuri biex ikun hemm l-armonizzazzjoni fl-Unjoni jista' jagħmilha faċli li wieħed ma jibqax jara l-punt sa fejn l-UE għadha, u tibqa' tissejjes fuq id-diversità [41]. Mhux biss teżisti d-diversità f'dak li jirrigwarda l-istorja u l-kulturi tal-Istati Membri; l-istess jista' jingħad għas-sistemi legali tagħhom. Dak li hu familjari jew istintivament ovvju għal ċittadin ta' Stat Membru, jista' jidher bħala ħaġa kurjuża, diffiċli li wieħed jifhimha, jew anki ma tinftiehemx, u forsi xejn ovvja għal ċittadin ta' xi Stat ieħor. Dan huwa, *a fortiori*, il-każ fejn wieħed iżid ma' din l-ekwazzjoni terzi pajjiżi li għandhom relazzjoni mal-Unjoni f'forma ta' ftehim ta' assoċjazzjoni, u ċ-ċittadini tagħhom.

74. Tista' tkun ħaġa relattivament sempliċi għall-awtoritajiet ta' Stat Membru ospitanti li jiffurmaw l-opinjoni li, meta ċittadin minn pajjiż terz ma jikkonformax mar-regoli ta' dak l-Istat, jew sempliċement ma jirnexxilux jifhem il-konsegwenzi ta' mġiba partikolari li jistgħu jidhru ovvji għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat, dik il-persuna qegħda tipprova tabbuża minn dawk ir-regoli u, minħabba dan, jikkonkludu li din in-nuqqas ta' konformità hija xiehda ta' mġiba qarrieqa jew xi ħaġa simili ta' dan. Jidhirli li wieħed għandu jkun kawt ħafna qabel ma jasal għal konklużjoni bħal din. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jsibha diffiċli li jifhem dawk ir-regoli u diffiċli, jew anki impossibbli, biex isir jaf bihom — b'mod partikolari jekk hu ma jkunx jitkellem sew il-lingwa tal-Istat Membru li jkun qed jilqgħu. Sakemm ma jkunx f'qagħda finanzjarja tajba, huwa ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż tal-avukati neċessarji sabiex kull regola rilevanti għas-sitwazzjoni tiegħu. Jidhirli li l-argument, bħal ma hu pereżempju dak tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-osservazzjonijiet tiegħu, li minħabba li r-regoli nazzjonali

40 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 40, 43, 44 u 52 iktar 'il fuq.

41 — Ara, pereżempju, l-Artikolu 22 tal-Karta: "l-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika".

huma disponibbli, *inter alia*, fuq l-internet, ċittadin ta' pajjiż terz bħal ma hu B. Ünal, għandu awtomatikament jiġi preżunt li jkun fehem ir-regoli, l-implikazzjonijiet tagħhom u s-suppożizzjonijiet li jirriżultaw minnhom minħabba xi proċedura adottata, huwa wieħed simplistiku żżejjed. Argument bħal dan jista' jġorr miegħu r-riskju li wieħed jassumi li l-kulturi u l-istili ta' ħajja kollha għandhom jiġu istantanjament assorbiti f'dawk tal-Istat Membru ospitanti, meta huwa ċar li dan mhux il-każ.

Konklużjoni

75. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tar-Raad van State kif ġej:

"L-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti milli jirrevokaw il-permess ta' residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv mill-mument li fih ma kienx għad hemm konformità mal-kundizzjoni li abbażi tagħha kien inħareġ il-permess ta' residenza skont id-dritt nazzjonali, meta ma tkun tista' tiġi attribwita ebda mġiba qarrieqa lill-ħaddiem Tork inkwistjoni u meta din ir-revoka sseħħ wara li jkun għadda l-perijodu ta' sena msemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1)".